

Brussell, 5 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13219/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0311(NLE)**

**ECOFIN 967
UEM 243
FIN 1035**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 508 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1353 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Polonja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 508 final.

Mehmuż: COM(2022) 508 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.10.2022
COM(2022) 508 final

2022/0311 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1353 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Polonja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (“ir-Regolament SURE”) jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19 jew li huma mhedda serjament minn tali taqlib. Primarjament, l-appoġġ mix-SURE iservi għall-finanzjament ta’ skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom u b’hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament anċillari ta’ xi miżuri relatati mas-saħħa, b’mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-6 ta’ Awwissu 2020, il-Polonja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni u fil-25 ta’ Settembru 2020, bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1353, il-Kunsill ta’ assistenza finanzjarja lill-Polonja bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal min jaħdem għal rasu.

Fid-19 ta’ Settembru 2022, il-Polonja talbet lill-Unjoni testendi l-lista ta’ miżuri fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1353.

F’konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Pollakki biex tivverifika ż-żieda għall-għarrieda u qawwija fin-nefqa effettiva u ppjanata relatata direttament ma’ miżuri Pollakki fir-rigward tas-suq tax-xogħol u mas-saħħa kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. B’mod partikolari, dan jikkonċerna miżuri ġodda:

- (a) il-finanzjament tat-twettiq tat-testijiet dijanjostiċi tal-PCR. Il-Ministru tas-Saħħa ta’ struzzjonijiet lill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa biex jikkonkludi kuntratti mal-laboratorji interessati dwar it-twettiq ta’ testijiet dijanjostiċi RT-PCR għas-SARS-CoV-2. Il-kost tat-testijiet ġie ffinanzjat mill-baġit tal-Istat u kien proporzjonat għan-numru ta’ persuni li japplikaw għat-testijiet;
- (b) l-għoti ta’ benefiċċju fi flus addizzjonali ta’ kull xahar lill-professjonisti mediċi u benefiċċju fi flus addizzjonali ta’ darba lil ħaddiema oħra fil-kura tas-saħħa involuti fil-ġlieda kontra l-COVID-19. Il-benefiċċju nġhata lil persuni li pparteċipaw fil-forniment ta’ servizzi tas-saħħa u kellhom kuntatt dirett ma’ pazjenti infettati u suspettati li kienu infettati bil-virus tas-SARS-CoV-2 f’unitajiet organizzattivi ta’ entitajiet mediċi. Il-Ministru tas-Saħħa ordna lill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa biex jittrasferixxi fondi maħsuba għall-għoti tal-benefiċċji lil entitajiet mediċi li jwettqu attivitajiet mediċi.

Il-Polonja pprovdi l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

Fid-dawl tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill li jadotta Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni li testendi l-lista ta’ miżuri li l-Kunsill diġà ta’ assistenza finanzjarja għalihom fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1353.

Kif intalab mill-Polonja fid-19 ta’ Settembru 2022, il-miżuri relatati mas-saħħa jammontaw għal EUR 1 672 546 359.

- **Konsistenza ma’ dispożizzjonijiet ta’ politika eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li jinsab fil-bażi tal-proposta.

Din il-proposta ġejja apparti strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri u biex jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppata b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġjaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)/InvestEU. Permezz tal-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża għall-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, għall-protezzjoni tal-impjiegi u b'hekk tal-impjegati u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mir-riskju tal-qgħad.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jiproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad u tat-telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt dirett fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx issir konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bl-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja mill-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istat Membru, hemm salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jingħataw riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet li d-dejn jiġi riportat.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1353 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Polonja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mingħand il-Polonja fis-6 ta' Awwissu 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1353², ta assistenza finanzjarja lill-Polonja fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 11 236 693 087 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibbiltà ta' 18-il xahar, bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-Polonja biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
- (2) Il-Polonja kellha tuża s-self biex tiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1353.
- (3) It-tifqigħa tal-COVID-19 ipparalizzat parti sostanzjali tal-forza tax-xogħol fil-Polonja. Dan wassal għal żieda qawwija u għal għarrieda fin-nefqa pubblika tal-Polonja fir-rigward ta' miżuri ġodda, jiġifieri l-ittestjar tal-PCR u l-benefiċċji fi flus tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa involuti fil-ġlieda kontra l-COVID-19.
- (4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mill-Polonja fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex titrażżan dik it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku u l-impatt marbut mas-saħħa tagħha kellhom u għadu qed ikollhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Fl-2020, il-Polonja kellha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 6,9 % u 57,1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament, li fi tmiem l-2021 naqas għal 1,9 % u 53,8 % rispettivament. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, sa tmiem l-2022 il-Polonja mistennija jkollha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 4,0 % u 50,8 % tal-PDG rispettivament.

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1353 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Polonja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 45).

Skont il-previżjoni tas-sajf tal-2022 tal-Kummissjoni, fl-2022 il-PDG tal-Polonja huwa previst li jiżdied b'5,2 %.

- (5) Fid-19 ta' Settembru 2022, il-Polonja talbet lill-Unjoni testendi l-lista tal-miżuri li diġà nġhatat assistenza finanzjarja għalihom permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1353 bil-ħsieb li tkompli tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha tal-2020, tal-2021 u tal-2022 biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom ("it-talba"). B'mod partikolari, il-Polonja introduċiet sensiela ta' miżuri relatati mas-saħħa biex tindirizza t-tifqigħa tal-COVID-19 stabbiliti fil-premessi 6 sa 7.
- (6) Abbażi tal-"Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom"³, il-Ministru tas-Saħħa ta struzzjonijiet lill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa biex jikkonkludi kuntratti mal-laboratorji interessati dwar it-twettiq ta' testijiet dijanjostiċi RT-PCR għas-SARS-CoV-2. Il-kost tat-testijiet ġew iffinanzjati mill-baġit tal-Istat u kien proporzjonat għan-numru ta' persuni li japplikaw għat-testijiet. Kif issemma fit-talba, hija biss in-nefqa eżegwita fl-2020 u fl-2021 li ġiet mitluba tiġi ffinanzjata mix-SURE. Il-miżura hija ġdida u ġiet implimentata mill-aħħar ta' April 2020 sal-aħħar ta' Marzu 2022.
- (7) Abbażi tal- "Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom"⁴ u l-"Att tal-14 ta' Awwissu 2020 dwar l-emendar ta' ċerti atti sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-protezzjoni tas-saħħa b'rabta mal-epidemija tal-COVID-19 u wara li tkun waqfet"⁵, il-Ministru tas-Saħħa ordna lill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa jittrasferixxi fondi lill-entitajiet mediċi li jwettqu attivitajiet mediċi bil-ħsieb li jingħataw f'benefiċċji fi flus lill-ħaddiema fil-kura tas-saħħa involuti fil-ġlieda kontra l-COVID-19, kif imsemmi fit-talba. Il-miżura tikkonsisti mill-kopertura tal-kostijiet relatati mal-ġhotti ta' benefiċċju fi flus addizzjonali ta' kull xahar lill-professjonisti mediċi u benefiċċju fi flus addizzjonali ta' darba lil ħaddiema oħra fil-kura tas-saħħa. Il-benefiċċju nġhata lil persuni li pparteċipaw fil-forniment ta' servizzi tas-saħħa u kellhom kuntatt dirett ma' pazjenti infettati u suspettati li kienu infettati bil-virus tas-SARS-CoV-2 f'unitajiet organizzattivi ta' entitajiet mediċi. Hija biss in-nefqa eżegwita fl-2020 u fl-2021 li ġiet mitluba tiġi ffinanzjata mix-SURE. Il-miżura hija ġdida u ġiet implimentata minn Settembru 2020 sal-aħħar ta' Marzu 2022.
- (8) Il-Polonja tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Polonja pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u pplanata żdiedet b'EUR 11 826 003 428 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Din tikkostitwixxi żieda għal għarrieda u qawwija minħabba li hija relatata ma' miżuri ġodda relatati mas-saħħa u biex tiġi indirizzata t-tifqigħa tal-COVID-19 li jkopru proporzjon sinifikanti tal-impriżi u tal-forza tax-xogħol fil-Polonja. Il-Polonja biħsiebha tiffinanzja EUR

³ Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 10a u, wara l-iskadenza tal-Artikolu 10a, il-paragrafu 2(2) u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 11h. Dz.U. 2020 poz. 374, bl-emendi

⁴ Art. 10a paragrafu 1. Dz.U. 2020 poz. 374

⁵ Art. 42. Dz.U. 2020 poz. 1493

9 100 000 tal-ammont miżjud tan-nefqa minħabba l-miżuri l-ġodda relatati mas-saħħa permezz ta' fondi tal-Unjoni mill-baġit tal-UE u EUR 580 210 341 minn finanzi proprji.

- (9) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Polonja u vverifikat iż-żieda għall-għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika effettiva u ppjanata relatata direttament mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif ukoll ir-rikors għal miżuri rilevanti relatati mas-saħħa marbutin mat-tifqigħa tal-COVID-19, kif jissema fit-talba tad-19 ta' Settembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (10) Il-miżuri relatati mas-saħħa, kif imsemmija fit-talba tal-Polonja tal-19 ta' Settembru 2022 u fil-premessi (6) sa (7), jammontaw għal EUR 1 672 546 359.
- (11) Għaldaqstant jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja diġà mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1353 tkopri wkoll il-miżuri l-ġodda li huma msemmijin fil-premessi (6) sa (7).
- (12) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (13) Jenħtieġ li l-Polonja tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Polonja implimentat dik in-nefqa.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1353 hija emendata kif ġej:

- (2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Il-Polonja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

- (a) tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kif previst fl-Art. 31zo tal-“Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom”, għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ ta' persuni li jaħdmu għal rashom, għall-kooperattivi soċjali kollha (irrispettivament mill-għadd ta' impjegati) u, għal kumpaniji li ma jimpjegawx aktar minn 50 persuna, il-parti tan-nefqa fir-rigward tal-ħaddiema li baqgħu f'impjieg;
- (b) benefiċċju għal perjodu ta' inattività għal min jaħdem għal rasu u dawk li jaħdmu skont kuntratti tal-liġi ċivili, kif previst fl-Art. 15zq u 15zua tal-“Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom”;
- (c) sussidji għal salarji u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' kumpaniji li qed jużaw ix-xogħol b'ħinijiet iqsar jew li volontarjament naqqsu l-ħin tax-xogħol jew

meta l-impjegati kienu kontinwament f'impjeg, kif previst mill-Art. 15g, 15ga, 15gg, 15zzb, 15zze, 15zze² tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom;

- (d) sussidji għal persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati kif previst fl-Artikolu 15zzc tal-“Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom”;
- (e) self konvertibbli f'sussidji mogħtija lil min jaħdem għal rasu, mikrokompaniji u organizzazzjonijiet nongovernattivi, għall-ammont realment ikkonvertit f'għotjiet, kif previst mill-Art. 15zzd u 15zzda tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom.
- (f) il-finanzjament tat-twettiq tat-testijiet dijanjostiċi tal-PCR fil-laboratorji li kkonkludew kuntratti dwar it-twettiq ta' testijiet dijanjostiċi tal-RT-PCR għas-SARS-CoV 2 mal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa, kif previst mill-Artikolu 10a, il-paragrafi 1 u 2, u, wara l-iskadenza tal-Artikolu 10a, l-Artikolu 11h, il-paragrafu 2, il-punt 2 u l-paragrafu 4 tal- “Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-qerda tal-COVID 19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom”;
- (g) l-għoti ta' benefiċċju fi flus addizzjonali ta' kull xahar lill-professjonisti mediċi u benefiċċju addizzjonali ta' darba fi flus għal ħaddiema oħra tal-kura tas-saħħa, kif previst fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 10a tal- “Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-qerda tal-COVID 19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom” u, wara l-iskadenza tal-Artikolu 10a, l-Artikolu 42 tal- “Att tal-14 ta' Awwissu 2020 dwar l-emendar ta' ċerti atti sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-protezzjoni tas-saħħa b'rabta mal-epidemija tal-COVID-19 u wara li tkun waqfet”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*